DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2017/974

tat-8 ta' Ġunju 2017

li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni 2010/413/PESK tipprevedi, fost affarijiet oħra, reġim ta' awtorizzazzjoni għar-rieżami u t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar trasferimenti relatati mal-qasam nukleari lejn l-Iran jew attivitajiet mal-Iran mhux koperti mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 2231 (2015), b'konsistenza sħiħa mal- Pjan ta' Azzjoni Komprensiv Konġunt (PAKK).

(3) Il-Kunsill iqis li l-kondizzjonijiet skont ir-reġim ta' awtorizzazzjoni jenħtieġ li jiġu emendati sabiex tinkiseb applikazzjoni konsistenti ta' kontrolli madwar l-Unjoni.

(4) Hija meħtieġa aktar azzjoni mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati l-miżuri previsti minn din id-Deċiżjoni.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2010/413/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2010/413/PESK hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 26c, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. L-akkwist minn ċittadini ta' Stati Membri, jew li jkunu qed jużaw il-bastimenti jew l-inġenji tal-ajru li jtajru l-bandiera tagħhom, tal-oġġetti, il-materjal, it-tagħmir, il-merkanzija u t-teknoloġija msemmija fil-paragrafu 1 mill-Iran għandha tingħata notifika dwaru lill-Kummissjoni Konġunta, sew jekk joriġinaw mit-territorju tal-Iran u sew jekk le.";

(2) L-Artikolu 26d huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri involuti fl-attivitajiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiżguraw li jkun kisbu informazzjoni dwar l-użu aħħari u l-post tal-użu aħħari ta' kwalunkwe oġġett fornut.";

(b) fil-paragrafu 5, il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(f) kisbu informazzjoni dwar l-użu aħħari u l-post tal-użu aħħari ta' kwalunkwe oġġett fornut.".

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li tħassar il- Pożizzjoni Komuni 2007/140/PESK(ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-8 ta' Ġunju 2017.

Għall-Kunsill

Il-President

U. REINSALU